**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 21 ta' Marzu, 2024

Rikors Ġuramentat: 7/17AL

**A B**

f'isimha *proprio* u bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri C u D

**vs.**

**E F**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors[1] ippreżentat mill-attriċi fid-19 ta' Jannar 2017 f'isimha *proprio* u bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri C u D li permezz tiegħu ppremettiet:

*1. ILLI r-rikorrenti giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali skond l- inkartament anness (Dok NB 1)*

[1] Fol. 1-11.

*2. ILLI l-kontendenti huma l-genituri ta' D u C ahwa F li twieldu rispettivament fit-28/12/2004 u 22/3/2007 hekk kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. NB 2 u 3.*

*3. ILLI skond il-ligi l-konvenut bhala missier il-minuri D u C ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skond il-mezzi tieghu, l-istess minuri.*

*4. ILLI l-konvenut mhux qed ihallas manteniment ghall-istess minuri.*

*5. ILLI l-konvenut interpellat diversi drabi sabiex ihallas manteniment baqa' inadempjenti.*

*6. ILLI l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi bl-istanti b'Digriet tal-18/11/16. Dok NB 4*

*7. ILLI ghakhekk kellu jigi intavolat dan ir-rikors guramentat.*

*JGHID ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:*

*1. TIDDIKJARA u TIDDECIEDI li l-konvenut bhala missier il-minuri D u C ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skond il-mezzi tieghu, l-istess minuri u dana b'effett mid-data tat-twelid taghhom.*

*2. TILLIKWIDA, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li għandu jkun pagabbli mill-konvenut E F lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri D u C inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li TISTABILIXXI wkoll il-modalitajiet ta' kif għandu jithallas il-manteniment u ta' kif għandu jigi rivedut u awmentat l-istess manteniment.*

*3. TORDNA u TIKKUNDANNA lill-konvenut E F sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi wkoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u TORDNA illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga jew dhul jew assistenza socjali tal-konvenut E F.*

*4. TORDNA illi l-kura u kustodja tal-minuri D u C tigi fdata esklussivament lir-rikorrenti salv access favur il-konvenut.*

*BL-ISPEJJES KONTRA konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat illi konvenut kien kontumaċi iżda ġie awtorizzat fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2017 jippreżenta ir-risposta ġuramentata[2] tiegħu, li permezz tagħha eċċepixxa kif ġej:

*Illi filwaqt li huwa ma' joggezzjonax dwar it-talbiet attrici purche lir-rata tal-manteniment tigi ffissata b'mod li tirrifletti l-bzonnijiet attwali tal-minuri kif ukoll ic-cirkostanzi w il-posizzjoni reali tal-partijiet u partikolarment il-mezzi reali tal-esponent, huwa joggezzjona illi tali manteniment ghandu jkun pagabbli b'mod retroattiv sa mid-data tat-twelid taz-zewg minuri u dan peress illi kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors promotur, huwa dejjem ikkontribwixxa ghall-manteniment tal-imsemmija minuri bi qbil u accettazjzoni tal-istess attrici.*

Rat li fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2017 il-Qorti ħatret lil Dr Greta Mifsud Agius bħala Assistent Ġudizzjajrju sabiex tisma' l-provi kollha tal-kawża;

Rat li fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2018, il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistent Ġudizzjarju Dr Greta Mifsud Agius;

Rat li fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2019 ħatret lil Dr Maria Dolores Gauci bħala Assistent Ġudizzjarju sabiex tisma' l-provi kollha tal-kawża;

Rat in-nota tal-attriċi tat-18 ta' Ġunju 2019 li biha eżebiet l-affidavit[3] tagħha;

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019[4] il-partijiet iddikjaraw illi huma waslu fi ftehim fis-sens illi l-missier jobbliga ruħu li jħallas menteniment lill-attriċi f'ammont ta tliet mitt (300) Euro fix-xahar għaż-żewġ minuri u nofs l-ispejjeż edukattivi u mediċi;

Rat illi l-partijiet irrediġew abbozz u ppreżentawh fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2020, liema abbozz ġie ppreżentat *seduta stante* u ġie approvat mill-Qorti;

---

[2] Fol. 20.

[3] Fol. 13 – 54.

[4] Fol. 56.

Rat illi fl-istess udjenza l-Qorti awtorizżat lin-Nutar Dr Jean Karl Debono sabiex jirtira l-istess minuta għall-eventwali pubblikazzjoni;

Rat illi *nonostante*, il-minuta qatt ma ġiet irtirata għal skop ta' pubblikazzjoni;

Rat illi nżammu numru ta' seduti anke wara direzzjoni li tat din il-Qorti għal provi taż-żewġ partijiet u li dawn ma ppreżentawx iktar provi;

Rat il-verbal magħmul mill-Assistent Ġudizzjarju Dr Maria Dolores Gauci datat 7 ta' Settembru 2023[5] fejn innutat illi l-konvenut kien ingħata sitt (6) seduti għall-finali provi tiegħu, u wara li ngħata iktar minn sitt seduti l-konvenut u d-difensur tiegħu qatt ma dehru u għalhekk ddikjarat il-provi tiegħu magħluqa;

Rat illi fl-istess seduta l-Assistent Ġudizzjarju iddikjarat illi l-inkarigu tagħha ġie eżawrit;

Rat illi fl-udjenza tat-3 ta' Ottubru 2023[6] il-Qorti akkordat lill-attriċi sitt (6) ġimgħat żmien sabiex tagħmel in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha b'dak illi t-tali nota tiġi notifikata lill-konvenut illi jkollu sitt (6) ġimgħat żmien sabiex jippreżenta n-nota responsiva tiegħu;

Rat illi l-partijiet ma ppreżentawx noti ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### 1. L-azzjoni odjerna

Il-Qorti tinnota illi minkejja illi tat diversi seduti sabiex il-partijiet iġibu l-provi tagħhom huma la dehru u lanqas ppreżentaw provi. L-attriċi ppreżentat affidavit fil-bidu tal-kawża u l-konvenut ma pprovda l-ebda prova u għalhekk huwa lanqas ittenta jirribatti dak li jingħad fl-affidavit tal-attriċi. Salv għall-affidavit ppreżentat mill-attriċi fil-bidu tal-kawża, l-unika dokument relevanti li għandha quddiemha l-Qorti huwa abbozz li ftehmu fuqu ż-żewġ partijiet u li ġie approvat mill-Qorti.[7] Minkejja iżda illi l-Qorti

[5] Fol. 98.
[6] Fol. 99.
[7] Seduta tal-11 ta' Frar 2020, fol.67.

awtorizzat lin-Nutar Dr Jean Karl Debono[8] sabiex jirtira l-minuta għall-eventwali pubblikazzjoni, dan ma sarx u l-attriċi baqgħet tidher biss sporadikament tgħid lill-Qorti illi l-partijiet qiegħdin jittransiġu.

Fil-qosor, jirriżulta li l-Qorti għandha quddiemha każ ta' relazzjoni turbulenti bejn żewġ partijiet li minnha twieldu l-aħwa F. Jidher illi l-partijiet kienu jagħmlu żmien flimkien, jitilqu lil xulxin u jerġgħu jibdew jiffrekwentaw lil xulxin. L-ulied jidher illi dejjem għexu ma' l-omm u ma saret l-ebda talba min-naħa tal-missier għall-kura u kustodja jew aċċess tal-istess. L-anqas ma saret l-ebda talba mill-attriċi omm tul il-mori tal-kawża għall-manteniment tal-ulied.

Il-Qorti ma għandiex informazzjoni dwar jekk l-ulied humiex fil-preżent, issa li għadda ż-żmien, jgħixu magħha, weħedhom, jew mal-missier.

Il-Qorti tiddeplora l-imġieba tal-partijiet f'din il-kawża u n-nuqqas ta' interess li huma wrew, partikularment fid-dawl tal-fatt li kienu effettivament waslu għal ftehim, u l-Qorti hekk stenniet li l-partijiet jirreġistraw il-konklużjoni tal-vertenza tagħhom mall-Qorti, sabiex il-kawża tiġi eżawrita. Rinfaċċata b'dan, il-Qorti tinsab kostretta tgħaddi għad-deċiżjoni tagħha abbażi tar-riżultanzi fil-proċess:

(i) Il-verżjoni tal-attriċi

L-attriċi tirreleva[9] fl-affidavit tagħha li "*niftakar konna l-ikbar hbieb wara din il-hbieberija kellna relazzjoni twila*" iżda l-kontentendi ma jidhirx li qatt iżżewwġu. Joħroġ biċ-ċar mill-affidavit tal-attriċi li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet turbulenti mmens, tant illi matul l-affidavit kollu hija ssemmi swat u abbuż kemm fiżiku kif ukoll sesswali. L-abbuż fiżiku jidher li kemm-il darba wkoll, skont l-attriċi, sar quddiem il-minuri. Hija tispjega illi l-konvenut missier kien jgħajjat, ikisser, jidgħi, jabbuża mid-droga, isawwatha u anke jaqlibilha ma' nisa oħra tul ir-relazzjoni tagħhom.

Hija tgħid illi kemm il-darba wkoll beda programmi ta' litazzjoni mid-droga iżda jidher illi dawn il-programmi ma tawx il-frott tagħhom għaliex ma kienux jitkomplew mill-konvenut. Għalkemm qatt ma ppreżentat l-ebda prova ta' swat jew rapporti mal-pulizija hija tgħid illi kemm-il darba kienu nvoluti l-pulizija u kellha tmur l-għassa.

[8] Fol. 67.
[9] Fol. 44.

Hija saħansitra tgħid illi meta kienet tqila *"...sabuli l-pressjoni gholja hafna bi riskju li hekk ma naghglux inweldu il baby biex niehu il kura hemm il mewt ghalija bil baby b kollox jien mort wahdi al vista fejn l tabib ghali incempel malajr ha jgibuli affarijiet ha jifwawli ilma ghax l riskju jikber beda. Meta cempilt E u qed nghidlu x qaluli u biex igibli affarijiet li ga kienu lesti halli inwelled ghax nista imut qabad joffendini b dak li beda jiġi go halqu dak il hin ovja jin nibki ghax bdejt nibza ma riedx li jiġri xi haġa il baby*."[10]

Jidher ukoll illi ħafna miż-żmien huma lanqas għexu flimkien għaliex l-attriċi tgħid illi "*kien joqgħod jiġri*"[11] u ratu "*ma ohra kien qabad jghix maghha*"[12] Hija tkompli tgħid li l-visti l-isptar u għand tobba kienet tagħmel kollox weħedha u li ma kienx jgħina finanzjarjament. Tgħid *"jien b'tifla żgħira tqila ukoll bla flus ghax kien ikolli kontijiet u tifla u titmani ommi ax ultrasounds wahdi ma ohti u inhallashom mil ftit li kelli*."[13] Hija tgħid illi t-tieni wild welditu weħedha f'nofs ħafna biża li anke tgħidlu illi kienet weldet. Hija tgħid li kienet "*imbezza u mbikkma minn xiex kelli naghddi 2 tfal zghar jien wahdi ukoll bdejt naqta qalbi f kollox*."[14] Jidher li l-konvenut għadda xi żmien il-ħabs imbagħad meta ħareġ beda jgħid illi issa rabba sens ta' familja u l-attriċi tgħid li reġgħet ppruvat tgħaqqad il-familja imma li mbagħad xorta ma tantx dam sew u baqa' jmur id-dar mingħajr konsistenza ta' xejn u b'theddid u vjolenza. Tgħid l-attriċi li kien "*spiċċa agressiv hafna u spiċċajna nibzghu minnu li ha jwegghani iktar*."[15] Tkompli biex issemmi episodji ta' vjolenza illi ġraw fuqha u tgħid imbagħad li anke spiċċa weħel disa' (9) xhur il-ħabs (f'każ li ma jidhirx li kienet involuta l-attriċi) li tulhom iżda hi xorta kienet tmur bit-tfal darbtejn fil-ġimgħa għax dawn kienu jitħassruh u kienet anke teħodlu l-ikel.

Hija ma tippreżenta l-ebda prova dwar dak li tonfoq għat-tfal jew x'inhuma fid-dettall il-bżonnijiet tagħhom iżda tgħid illi qed titlob mitejn (200) Euro għal kull wild kif ukoll nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Hi ma toġġezzjonax illi l-konvenut jara lit-tfal fil-ġranet li l-konvenut jagħżel hu.

---

[10] Fol 47.
[11] Fol. 47.
[12] Fol.48.
[13] Fol. 49.
[14] Fol. 50.
[15] Fol. 51.

L-attriċi ma ressqet l-ebda xhieda oħra biex tikkorrabora x-xhieda tagħha u l-Qorti ma għandiex informazzjoni dwar fejn jirrisjedu wlied il-konjuġi llum il-ġurnata. Il-Qorti tinnota illi l-verżjoni tal-attriċi ma tinsabx kontradetta minkejja li l-konvenut sewwa l-istat ta' kontumaċja tiegħu iżda dan xorta waħda baqa' ma ġabx provi. Il-Qorti tirrileva illi kien ikun ferm aħjar illi kieku l-konvenut pprovda l-verżjoni tiegħu u l-provi neċessarji sabiex jipprova l-każ tiegħu. Il-Qorti ma għandhiex ma temminx li l-konvenut huwa persuna vjolenti, bil-possibbilità li għandu diversi vizzji. Il-Qorti tieħu rendikont illi kieku *se mai* l-konvenut ma kellux attitudni ħazina versu l-attriċi u uliedhom, dan kien jagħmel minn kollox sabiex jipprovdi lill-Qorti bil-verżjoni vertiera.

## 2. Principji legali saljenti għall-każ odjern

Qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha rigward il-mertu odjern, sejra l-ewwel issemmi l-prinċipji legali relevanti għal dan il-każ.

Fil-kawża **Jennifer Portelli pro et noe. vs. John Portelli** intqal: "*Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-miżżewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu"*[16]

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**, il-Qorti qalet illi: "*La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.*"[17]

Huwa ċar illi fi kwistjonijiet ta' kura u kustodja u konsiderazzjonijiet ta' aċċess il-ġurisprudenza tagħna dejjem ikkunsidrat l-aqwa interess tal-minuri. B'referenza għas-sentenzi fl-ismijiet **Dr V. Randon vs J. Randon**

[16] Deċiża 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003 (Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP).
[17] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fit-8 ta' Diċembru 1858.

u **Scifo Diamantino vs M. Scifo Diamantino** ġie ritenut li "*r-regola ġenerali f'din il-materja hi l-aħjar interess u vantaġġ tat-tfal".*[18]

Il-principju legali fir-rigward tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kap 16 li jipprovdi kif ġej:

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici.*"

Kif jirriżulta mid-dispozizzjonijiet tal-Liġi, l-ġenituri għandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iż-żewġ ġenituri, miżżewġin jew le, għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied huwa kull wieħed skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kap 16. Għaldaqstant kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li wliedu għandhom manteniment adegwat li *ai termini* tal-Artikolu 19 subinċiż (1) u (2) tal-Kap 16 għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjeż relatati mal-istess saħħa u edukazzjoni.

*"..........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."*[19]

Ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana wkoll illi *"Din il-Qorti timxi mal-massima legali li min jallega ħlas dan irid jippruvah u b'hekk indubjament teżiġi li l-parti li tagħmel it-talba għandha tipprova l-każ tagħha."*[20]

## 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji legali għall-każ odjern

Il-Qorti tibda sabiex tieħu *in konsiderazzjoni* tal-etajiet li għandhom fil-preżent l-ulied C u D aħwa F, sabiex jiġi identifikat jekk tali talbiet għadx

[18] Deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili 1972.

[19] Tiziana Caruana vs Redent Muscat deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019 (Rik. Nru 272/2018).

[20] Deċiża mill-Qorti Ċivili Sezzjoni Familja fit-27 ta' Jannar 2022 (Rik Nru 152/16 AL).

għandhom relevanza hekk kif mid-data tal-intavolar tal-kawża sal-ġurnata tal-ġudizzju ta' din il-Qorti ikunu għaddew seba' (7) snin.

Jirriżulta illi D F imwielda fit-28 ta' Diċembru 2004 u għalhekk illum għandha għoxrin (20) sena u C F imwielda fit-22 ta' Marzu 2007 illum għandha sbatax (17)-il sena.

1. *L-ewwel, it-tieni u t-tielet talba fil-konfront ta' D F*

In vista tal-fatt li D hija llum maġġorenni, u ma nġiebet ebda prova li kompliet bl-istudji *oltre* l-età ta' tmintax-il sena, il-Qorti tara illi t-talbiet tal-manteniment huma *ormai* eżawriti fil-mertu u b'hekk ma fadalx lok għal din il-Qorti sabiex tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba fir-rigward tal-istess wild.

Lanqas ma jirriżulta llum fejn qiegħda tgħix D F. Minkejja iżda li ma tirriżulta l-ebda prova dwar is-sitwazzjoni attwali, b'applikazzjoni ta' Artikolu 3B subinċiż (2)(a) tal-Kap 16, il-Qorti xorta għandha d-dmir li taċċerta ruħha li D F tieħu dak il-manteniment li huwa bid-dritt intitolata għalih f'każ li għadha tistudja fuq bażi *full-time* ġialadarba għadha ma għalqitx l- età ta' tlieta u għoxrin (23) sena.

Il-Qorti tħoss illi peress li l-omm ma ġabet l-ebda prova dwar il-bżonnijiet tal-minuri, ma nġabet l-ebda prova dwar l-introjtu tal-partijiet, il-partijiet ftehmu kemm fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019[21] u kif ukoll permezz ta' abbozz approvat minn din il-Qorti[22] (għalkemm qatt iffirmat) illi l-manteniment għal kull wild għandu jkun dak ta' mija u ħamsin (150) Euro għal kull wild, ser tgħaddi biex tagħti s-somma minima ta' mitejn (200) Euro kull xahar. Barra minn hekk u flimkien mal-manteniment, il-Qorti tiddeċiedi ukoll dwar l-ispejjez relatati mas-saħħa u l-edukazzjoni tal-wild. Fin-nuqqas ta' ebda prova dwar il-konsistenza tal-istess dawn għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet wara li l-omm tippreżenta d-debita riċevuta lill-missier. Jekk il-minuri tagħżel li tmur tgħix għal rasha, il-manteniment jitħallas direttament lilha.  Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut.

[21] Fol. 56.

[22] Fol. 67.

Il-Qorti ma tħossx li f'dan l-istadju għandu jingħata manteniment b'lura u dan wara li ħadet konjizzjoni tal-fatt illi 1. l-omm qatt ma ġabet prova jew prospett ta' dan l-infiq 2. fl-abbozz li rrediġew il-partijiet, il-partijiet qablu li ma hemmx arretrati ta' manteniment x'jingħataw u ma ftehmux fuq manteniment b'lura u 3. ma saret l-ebda talba fil-mori tal-kawża għal xi tip ta' manteniment għall-minuri u 4. kienet l-attriċi stess illi tawlet dawn il-proċeduri inutilment.

2. *Ir-raba' talba fil-konfront ta' D F*

Fir-rigward ta' kura u kustodja ta' D F il-mertu huwa issa eżawrit għaliex hija ma għadhiex minuri.

3. *L-ewwel, it-tieni u t-tielet talba fil-konfront ta' C F*

Il-Qorti terġa' *tissottolinea* l-fatt illi l-attriċi omm ma ġabet l-ebda prospett ta' infieq jew prova oħra dwar il-manteniment illi tirrikjedi għall-minuri. Kif ingħad konsistentement fil-ġurisprudenza nostrana u kif inhu wkoll rifless fil-liġi li tirregola l-manteniment żewġ elementi li fuqhom trid tittieħed deċiżjoni dwar il-manteniment huma ***il-bżonn ta' min jitolbu*** *u* ***l-mezzi ta' min għandu jagħtih*** – il-partijiet bl-ebda mod ma ġabu prova dwar dawn l-elementi.

Il-Qorti tinnota wkoll illi fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2019[23] u kif ukoll permezz ta' abbozz approvat minn din il-Qorti[24] (għalkemm qatt iffirmat) l-omm stess qablet illi l-manteniment għandu jkun dak ta' mija u ħamsin (150) Euro għal kull wild, somma kemxejn baxxa fiċ-ċirkostanzi tal-lum u meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-età tal-minuri li llum għandu sbatax (17)-il sena u li għalhekk il-bżonnijiet tiegħu dejjem jikbru. Il-Qorti tħoss għalhekk illi jkun ġust fiċ-ċirkostanzi li tgħaddi biex tagħti s-somma ta' mitejn (200) Euro fix-xahar għal minuri flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni meta tiġi murija d-debita riċevuta. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għall-minuri in kwistjoni sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħżel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-*

[23] Fol. 56.
[24] Fol. 67.

*time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, l-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Jekk il-minuri jagħżel li jmur jgħix għal rashu u jkun għadu jistudja fuq bażi *full-time*, il-manteniment jitħallas direttament lilu.

Il-Qorti ma tħossx li f'dan l-istadju għandu jingħata manteniment b'lura u dan wara li ħadet konjizzjoni tal-fatt illi 1. l-omm qatt ma ġabet prova jew prospett ta' dan l-infiq 2. fl-abbozz li rrediġew il-partijiet, il-partijiet qablu li ma hemmx arretrati ta' manteniment x'jingħataw u ma ftehmux fuq manteniment b'lura u 3. ma saret l-ebda talba fil-mori tal-kawża għal xi tip ta' manteniment għall-minuri u 4. kienet l-attriċi stess illi tawlet dawn il-proċeduri inutilment.

4. *Ir-raba' talba fil-konfront ta' C F*

IL-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi kif diġà ngħad, meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu l-aħjar interess tal-minuri.

Din il-Qorti tieħu konjizzjoni tal-fatt illi mill-provi li għandha quddiemha jidher illi l-minuri aħwa F dejjem għexu mal-attriċi omm, b'dak illi l-missier kien imur iżurhom sporadikament u joqgħod magħhom għal perjodi qosra sakemm jerġa' jinqala l-inkwiet bejn il-partijiet. Jidher iżda illi r-relazzjoni kienet relattivament kontinwa u anke meta l-konvenut missier kien il-ħabs l-omm xorta waħda kienet tmur iżżuru flimkien ma' wliedha. Fil-preżent il-Qorti ma għandiex quddiemha informazzjoni dwar fejn jinsab joqgħod il-minuri C, iżda sejra tistrieħ fuq il-provi li għandha, il-passat kulurit tal-konvenut, il-fatt illi fl-eċċezzjonijiet tiegħu il-konvenut ma oġġezzjonax għat-talba tal-kura u kustodja u dak miftihem fl-abbozz approvat mill-Qorti. B'serħan fuq dawn l-elementi din il-Qorti qiegħda tafda l-kura u kustodja tal-minuri C esklussivament f'idejn l-attriċi omm.

Rigward aċċess għall-missier, għalkemm ma kien hemm l-ebda talba formali f'dan is-sens, u *tenut* l-età tal-minuri C li llum għandu sbatax (17)-il sena, il-konvenut għandu jkollu aċċess liberu iżda konkordat bejnu u bejn it-tifel, iżda twissi lill-konvenut missier illi ibnu għadu taħt l-età u diġà

bagħta ħafna f'ħajjtu jara l-figura tal-missier jittratta lill-ommu b'dak il-mod, fost vizzji oħra, sabiex jara illi jkun ta' eżempju għal ibnu għaliex fuq kollox dan għadu minuri u għalkemm il-Qorti tagħmel minn kollox sabiex ma tisfrattax il-possibilità li ġenitur u wliedu ikollhom relazzjoni, il-ġenituri għandhom ikollhom din il-possibiltà **biss** jekk dan ma jkunx ta' detriment għal uliedhom.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba fil-konfront tal-minuri C F u fil-każ ta' D F jekk din ta' l-aħħar għadha tistudja fuq bażi *full time.*

2. Tilqa' t-tieni talba fis-sens illi tillikwida ammont fil-konfront ta' D F jekk din għadha tistudja *full time* ta' mitejn (200) Euro kull xahar flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni u fil-konfront ta' C F fl-ammont ta' mitejn (200) Euro kull xahar flimkien ma' nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni. Il-Qorti tiċħad it-talba għall-ħlas ta' arretrati ta' manteniment għar-raġunijiet immsemmija iktar 'il fuq f'dan il-ġudikat.

3. Tilqa' t-tielet talba limitatament għas-sommom ta' manteniment kif likwidati fit-tieni talba.

4. Tilqa' limitatament ir-raba' talba, u tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri C F tiġi fdata esklussivament f'idejn l-omm b'aċċess liberu għall-missier bi ftehim mal-minuri u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' din it-talba fir-rigward ta' D F *in vista* li llum hija maġġorenni.

Dan ikun japplika b'effett mill-jum illi din is-sentenza tgħaddi *in ġudikat*.

Bl-ispejjeż għandhom jiġu sapportati kwart mill-attriċi u tliet kwarti mill-konvenut.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur